**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**DR. DAVID FABRI**
**DR. ANTOINE NAUDI**

**Illum 22 ta' Jannar 2018**

**Rikors Numru 53/2016**

**Joseph Mangion**

**Vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Joseph Mangion**ipprezentat fit-8 ta' Awwissu 2016 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*"*

1. *Illi dan huwa appell minn decizjoni moghtija mill-Kummissarju tal-Pulizija datat 13 ta' Lulju 2016, u ricevuta mir-rikorrent nhar it-28 ta' Lulju 2016 f'liema dan tal-ahhar iddecieda li jirrifjuta t-tigdid tal-licenzja ta' Gwardjan tar-rikorrent;*

2. *Illi r-rikorrent hassu aggravat mid-decizjoni precitata u minnha qed jinterponi dan l-umli appell;*

3. *Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti:*

    i) *Illi fis-sena 2006 ir-rikorrent ottjena ghall-ewwel darba, il-licenzja ta' gwardjan u ilu ghal dawn l-ahhar hdax-il sena f'tali okkupazzjoni;*

    ii) *Illi kif jaghmel solitament kull sena, r-rikorrent mar sabiex igedded il-licenzja tieghu; liema licenzja tigi mgedda mill-Kummissarju tal-Pulizija;*

iii) *Illi madanakollu b'ittra datata 13 ta' Lulju 2016, liema giet ricevuta mir-rikorrent fit-28 ta' Lulju 2016, huwa gie infurmat illi "t-talba ghat-tigdid ma tistax tigi milqugha ai termini ta' l-artikolu 10(b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok A anness). Ir-rikorrent anke gie dirett biex jirritorna l-karta tal-identita` ta' Gwardan Privat fl-ufficini tal-Kummissarju tal-Pulizija;*

iv) *Illi l-esponent hassu aggravat minn din id-decizjoni u ghalhekk qed jipprezenta r-rikors odjern;*

4. *Illi* ***l-ewwel aggravju*** *huwa car u manifest, in kwantu d-decizjoni mehuda mill-Kummissarju tal-Pulizija, hija nieqsa minn motivazzjoni u kwindi nulla u dan stante li hija semplicement ttenn "t-talba ghat-tigdid ma tistax tigi milqugha ai termini ta' l-artikolu 10(b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta";*

   *Bir-rispett, din mhix motivazzjoni ta' decizjoni u fil-fatt imkien fid-decizjoni tieghu, l-istess Kummissarju ma jispjega ghalfejn t-talba ghat-tigdid tal-licenzja tal-appellant qed tigi rifjutata.*

5. *Illi* ***t-tieni aggravju*** *huwa wkoll car u manifest, in kwantu d-decizjoni mehuda mill-imsemmi Kummissarju tal-Pulizija hija wahda ingusta, irragjonevoli u sproporzjonata u dan hekk kif ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tas-smiegh tal-kawza odjerna;*

   *Illi r-rikorrent huwa ben konxju li fis-17 ta' Frar 2016 huwa tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Bhala Gudikatura Kriminali); ghal-liema akkuzi huwa ammetta immedjatament; madanakollu jigi rilevat illi kif del resto ttenn l-istess sentenza moghtija fil-konfront tieghu, ic-cirkostanzi tal-kaz tieghu kien wiehed partikolari hafna u sfortunat ghall-ahhar u dan kollu ser jigi ppruvat ampjament fis-smiegh tal-kawza odjerna u anke jista' jigi kkonfermat mill-Ispettur Joseph Busuttil li pprosegwa kriminalment kontrih;*

   *Illi kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati*
   *(Bhala Gudikatura Kriminali) bl-ebda mod ma tmur kontra l-interess pubbliku ai termini tal-artikolu 10(b) tal-Kap. 389 tal-Ligijiet ta' Malta, citat mill-Kummissarju tal-Pulizija fid-decizjoni tieghu;*

   *Illi bir-rispett kollu dovut lejn il-Kummissarju tal-Pulizija, dan ikompli jindika illi d-decizjoni mehuda minnu li jirrifjuta t-talba tat-tigdid tal-licenzja tar-rikorrent kienet irragjonevoli, sproporzjonata u fuq kollox mhux studjata; u dan stante li l-interess pubbliku propju jirrikjedi li fl-ezercizzju li jaghmel il-Kummissarju tal-Pulizija meta jgharbel applikazzjoni bhal dik sottomessa mir-rikorrenti, huwa japprofondixxi u jmur 'lil hinn minn semplici ezami ta' dokumentazzjoni u dan meta huwa ben evidenti li tali decizjoni ser tfisser telfien tal-impjieg tar-rikorrent!*

*Illi kif anke tenniet din il-Qorti f'diversi okkazzjonijiet ghalkemm il-Kummissarju tal-Pulizija, ai termini tal-Artikolu 10(b) tal-Kap 398 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu diskrezzjoni, "persuna fdata b'din id-diskrezzjoni trid twettaq id-decizjoni taghha b'mod ragonevoli, b'ekwita` u haqq u minghajr abbuz ta' dik l-istess diskrezzjoni"*[1]

*Illi kif ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza, ir-rikorrent ilu jahdem bhala Gwardan Privat ghal dawn l-ahhar hdax-il sena, ghandu track record ta' hajja lavorattiva tajba, huwa bniedem li jintegra tajjeb fis-socjeta` u m'ghandu l-ebda vizzji. Ic-cirkostanzi li sab ruhu fihom kienu semplicement assjem ta' occorrenzi sfortunati u dan kif del resto anke ammess mill-Ispettur Prosekutur u l-Magistrat sedenti;*

*Illi ghalhekk bir-rispett kollu dovut lejn il-Kummissarju tal-Pulizija, id-decizjoni mehuda minnu skont l-ittra datata 13 ta' Lulju 2016 kienet wahda mghaggla, ingusta, irraggonevoli u sproporzjonata`;*
*Illi ghalhekk qieghed jigi umilment mitlub li dan it-Tribunal ihassar id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija kif kontenuta fl-ittra datata 13 ta' Lulju 2016 u b'hekk jigi ordnat li l-licenzja relattiva tinghata lill-rikorrent/tigi mgedda.*
*Ghal motivi kollha suesposti r-rikorrenti, filwaqt li jirrizerva d-dritt tieghu li jgib dawk il-provi konsentiti lilu mil-ligi, jitlob bir-rispett sabiex dan it- Tribunal joghgbu jakkolji d-doljanzi tieghu u konsegwentement, filwaqt li jirrevoka u jhassar id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 13 ta' Lulju 2016, jordna lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija jgedded/jaghti l-licenzja ta' Gwardjan Privat lir-rikorrent."*

Ra r-risposta **tal-Kummissarju tal-Pulizija** datata 24 ta' Awwissu 2016 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*"*

1. *Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, għal kull buon fini, jiġi rilevat illi sa llum, għadha ma saret l-ebda notifika ta' dan ir-rikors lill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, ai termini tas-subartikolu 3 tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant, għalkemm il-Kummissarju tal-Pulizija ġie notifikat fit-12 ta' Awwissu 2016, it-terminu ta' għoxrin (20) jum skont is-subartikolu preċitat f'dan il-paragrafu, għadu ma bediex jiddekorri ġialadarba ma saritx tali notifika.*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għal dak suespost u fil-mertu, l-esponent jeċċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, u dan għaliex għall-kuntrarju ta` dak li qed jingħad mir-rikorrenti fir-rikors promotur, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li ma jġeddidx il-liċenzja ta` gwardjan privat lir-rikorrent abbażi tal-Artikolu 10(b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, kif fil-fatt se jkun muri u spjegat aħjar fil-mori tas-smigħ ta' din il-kawża.*

---

[1] Ara fost ohrajn, il-kawza bin-numru 49/2015, fl-ismijiet **Daniel Aquilina v Kummissarju tal-Pulizija** deciza nhar is-26 t'April 2016

3. *Illi b'referenza għall-premessa imqajma mir-rikorrent, fejn dan tal-aħħar eċċepixxa li d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija 'hija nieqsa minn motivazzjoni u kwindi nulla' stante li fl-opinjoni tar-rikorrent il-fatt li l-Kumissarju tal-Pulizija ma spjegax ir-rifjut għat-tiġdid tal-liċenzja tal-appellant, l-esponent jirrileva illi l-liġi nostrana proprju f'Artikolu 10(b) u f'Artikolu 11(1) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, tipprovdi illi:*

   *10. Il-Kummissarju għandu jirrifjuta applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin: (b) meta dan jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li jirrifjuta dik il-liċenza; u*

   *11. Jekk il-Kummissarju jirrifjuta li joħroġ liċenza lill-applikant biex jaħdem bħala aġenzija ta' gwardjani privati jew bħala gwardjan privat, dan għandu minnufih jikkomunika bil-miktub dik id-deċiżjoni lill-applikant fejn jagħtih ir-raġuni għal dak ir-rifjut: Iżda f'każ ta' rifjut taħt l-artikolu 10(b), ikun biżżejjed li jiddikjara li l-liċenza tkun ġiet rifjutata fl-interess pubbliku.*

4. *Illi żgur li ma jistax jingħad li hemm xi nuqqas li jirrendi d-deċiżjoni tal-esponent nulla u mingħajr effett fil-liġi. Il-Kummissarju tal-Pulizija fl-ittra tiegħu datata 13 ta' Lulju 2016 indika b'mod ċar illi l-liċenzja in kwistjoni ma setgħetx tiġi mġedda abbażi tal-Artikolu 10(b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta u f'dan ir-rigward dan l-Onorabbli Tribunal dejjem għamel referenza illi f'ċirkostanza illi l-Kummissarju tal-Pulizija "naqas milli jindika[lu] b'mod ċar li t-talba tiegħu kienet qed tiġi miċħuda in bażi għal konsiderazzjonijiet dwar l-interess pubbliku... [Ċ]ertament b'daqshekk ma jfissirx li d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija fir-rigward tat-talba tar-Rikorrent hija nulla u bla effett fil-Liġi – it-Tribunal żgur mhux qed iqisha bħala tali".[2] Għaldaqstant, l-esponent qiegħed jisħaq illi l-argument miġjub mir-rikorrent fir-rikors promotur huwa fieragħ u bla sostenn sia fil-Liġi nostrana u lanqas fis-sentenzi mogħtija mill-Qrati u Tribunali nostrana.*

5. *Illi a contrario ta' dak li ingħad mir-rikorrent illi d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija hija ukoll waħda inġusta, irraġjonevoli u sproporzjonata, l-esponent huwa tal-fehma illi huwa ma kellux għażla oħra ħlief illi jirrifjuta milli jġedded il-liċenzja in kwistjoni abbażi tal-interess pubbliku skont Artikolu 10(b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta in vista tal-fatt li l-imputazzjoni li nġabet kontra r-rikorrent kienet waħda ta' natura gravi. Dan għaliex ir-rikorrent b'sentenza mogħtija nhar is-17 ta' Frar ta' 2016, l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminalipoġġiet lir-rikorrent 'taht ordni ta' probabtion ghal zmien tlett (3) snin' skont il-kundizzjonijiet li ġew elenkati fid-digriet hemm anness.*

---

[2] Ara fost oħrajn, il-kawża bin-numru 267/2011, fl-ismijiet ***Anton Mario Sciberras vs Kummissarju tal-Pulizija***, deċiża nhar is-26 ta' April 2012, kif ukoll fil-kawża fl-ismijiet ***David Vincenti vs. Kummissarju tal-Pulizija*** (Ċit Nru 275/2011) deċiża fl-4 ta' April 2013.

6. *Illi l-esponenti jissottometti illi kien ġust fid-deċiżjoni tiegħu u ċioe li r-rifjut sar taħt l-Artikolu 10 (b), stante li r-rikorrenti ma nstabx ħati u għaldaqstant l-artikolu 10 (a), b'mod partikolari (i) u (vi), m'humiex applikabbli in vista li ai termini ta' Artikolu 25(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrent ma għandux dikjarazzjoni ta' ħtija u għal dawn il-fini l-Kummissarju tal-Pulizija ma jistax arbitrarjament jagħti tifsira ġuridika għal kollox differenti minn dik li tkun stabbilita fil-Liġi għas-sentenza pronunċjata mill-Qrati ta' Ġudikatura Kriminali.*[3]

7. *Illi a contrario ta' dak li eċepixxa r-rikorrent, ma hijiex is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li tmur kontra l-interess pubbliku ai termini tal-artikolu 10(b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda huwa r-reat li wettaq ir-rikorrent stess li l-Kummissarju tal-Pulizija jieħu in konsiderazzjoni. Fil-każ odjern għalkemm ir-rikorrent ma nstabx ħati għall-imputazzjoni miġjuba kontrih għaliex forsi jista' jingħad li l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kienet kemmxejn klementi mar-rikorrent fis-sentenza ppronunċjata rigward korrompiment ta' minuri, il-Kummissarju tal-Pulizija ma jistghax jinjora dina is-sentenza għaliex ir-rikorrent ma nstabx ħati, ghaliex alla fine r-rikorrent xorta waħda wettaq dan ir-reat għal-liema akkużi huwa stess ammetta immedjatament.*

8. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ħasset il-ħtieġa li tipproteġi l-interess tal-pubbliku u dan hekk kif ordnat li 'isem il-hatja jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Kapitolu 518' u ċioe fl-Att dwar Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri.*

9. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, dan ma jagħtix lok lill-esponent milli ma jieħux in konsoderazzjoni sentenzi pronunċjati mill-Qrati Kriminal ai fini ta' Artikolu 10(b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta meta jiġi biex iqis jekk persuna hix jew għadhiex ta' ċertu karattru, affidabli u kapaċi sabiex tkompli taħdem jew tibda taħdem bħala gwardjan lokali jew privat. Fil-każ odjern huwa ben ċar illi r-rikorrent ma għadux persuna idonea sabiex ikompli jaħdem f'dan is-settur minkejja li ilu jaħdem ta' gwardjan għal dawn l-aħħar ħdax-il (11) sena.*

10. *Illi l-esponent jinnega li d-deċiżjoni tiegħu kienet waħda rraġjonevoli, sproporzjonata u mhux studjata; il-Kummissarju tal-Pulizija f'tali ċirkostanza għandu jeżerċita l-obbligi tiegħu b'diskrezzjoni u tali persuna li hija fdata b'deskrizzjoni bħal dik tal-Kummissarju tal-Pulizija għandha twettaq id-deċiżjoni tagħha b'mod raġjonevoli, b'ekwita, ħaqq u mingħajr abbuż ta' dik l-istess diskrezzjoni. Fil-każ odjern, l-esponent jisħaq illi huwa permezz tad-diskrezzjoni fdata lilu għamel l-almu tiegħu sabiex jibbilanċja l-interess tal-applikant li jkollu l-liċenzja mal-interess pubbliku in ġenerali. Infatti dan jidher biċ-ċar għaliex il-Kummissarju tal-Pulizija*

[3] Ara fost oħrajn, il-kawża bin-numru 265/2011, fl-ismijiet ***Carl Grima vs Kummissarju tal-Pulizija***, deċiża nhar il-25 ta' Settembru 2012.

*dejjem ġedded il-liċenzja lir-rikorrent mill-2006 sal-2015, iżda ġialadarba hemm sentenza kontra r-rikorrent, il-Kummissarju tal-Pulizija kellu dmir jevalwa mill-ġdid l-applikazzjoni għat-tiġdid tal-licenzja ta' gwardjan privat in vista tas-sentenza mogħtija lir-rikorrent fi Frar tas-sena 2016.*

11. *Illi minkejja li r-rikorrent ma reġgħax ingħata l-liċenzja ta' gwardjan dan ma jfissirx li l-istess rikorrent huwa prekluż li jagħmel kull tip ta' xogħol ieħor, izda dan jfisser biss illi ma jistax ikompli jagħmel ix-xogħol ta' gwardjan privat proprju minħabba li gwardjan privat irid ikollu karattru affidabbli u responsabbli biex ikun kapaċi jagħmel dan it-tip ta' xogħol. Jekk hemm xi xogħol illi r-rikorrent huwa kwalifikat għalih u kaċi jagħmlu, ħadd ma qiegħed iżomm lir-rikorrent milli jagħmel tali xogħol u għalhekk is-sitwazzjoni tiegħu ma tistax titqies li hi tort tal-esponent. Il-Kummissarju tal-Pulizija wara li joħroġ il-liċenzja ma għandu ebda kontroll fejn se jintbagħat jaħdem l-impjegat u f'liema sitwazzjoni se jsib ruħu, b'hekk il-Kummissarju tal-Pulizija ghandu kull dmir li jiżen sew iċ-ċirkostanzi u jieħu deċiżjoni skont kif tkun mitluba minnu ai termini stipulati fil-Liġi.*

12. *Illi għalhekk fid-dawl ta' dak kollu suespost, il-Kummissarju tal-Pulizija dehrlu ġustament illi ma kienx fl-interess pubbliku li jġedded il-liċenzja ta' gwardjan privat lir-rikorrent meta r-reat wetqu meta huwa kien diġa fil-pussess tal-liċenzja ta' gwardjan privat u aktar u aktar meta wieħed mid-dmirijiet tiegħu elenkati fl-Artikolu 2 tal-Kap 389 huwa proprju 'il-protezzjoni ta' individwi minn offiżi fuq il-persuna'.*

13. *Illi finalment u mingħajr preġudizzju għas-suespost, qed jiġi eċċepit illi l-Onorabbli Tribunal m'għandux il-kompetenza li jordna li l-liċenzja in kwistjoni għandha tingħatha lir-rikorrent jew li tiġi mġedda a favur tiegħu, hekk kif inhu mitlub fir-rikors promotur. Dan għaliex it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, abbażi ta' Artikolu 5 tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta, għandu biss is-setgħa li jirrevedi atti aministrattivi maħruġa minn Awtorita' Pubblika u f'tali ċirkustanza t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva jista' biss jordna lill-Kummissarju sabiex jerġa' jevalwa l-applikazzjoni tar-rikorrent u mhux jordna lill-Kummissarju tal-Pulizija jġedded l-liċenzja skont kif inhu mitlub mir-rikorrent."*

Sema' x-xhieda tal-Ispettur Joseph Busuttil, ta' Stephen Piscopo, ta' Joseph Saliba, tal-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi u tal-Ufficjal tal-Probation Dorian Cornelius;

Ra l-affidavit tar-rikorrent;

Ra d-dokumenti kollha ipprezentati;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 13 ta' Lulju 2016 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:-

*"B'referenza ghat-tigdid ghal-licenza ta' Gwardjan Privat, ghandi ninfurmak, illi t-talba ghat-tigdid ma tistax tigi milqugha ai termini ta' l-Artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ninfurmak ukoll, illi jekk inti jidhirlek li ghanda tinhareg licenzja f'ismek, inti tista` tappella minn din id-decizjoni, billi fi zmien xahar kalendarju minn meta tircievi dan l-avviz, tipprezenta rikors quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva u dan skont id-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 11 (3) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Illi fl-istess ittra r-rikorrent gie infurmat li l-licenzja tieghu kienet qieghda tigi rtirata u li kien mitlub jirritorna l-karta ta' l-identita` ta' Gwardjan Privat lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi **r-rikorrent** xehed illi huwa kien applika ghal-licenzja ta' gwardjan privat fl-2006 u minn dak in-nhar sa Awwissu 2016 dejjem hadem mal-Kumpanija Security Services Limited bhala *security guard*. Jghid li fost id-doveri li kellu kien hemm sigurta` ma' Kumpaniji ta' *betting*, lukandi, *control rooms* u vannijiet ta' Banek, pero`, qatt ma' skejjel tat-tfal.

Jispjega li f'Lulju 2016 huwa tressaq il-Qorti wara li t-tifla tas-siehba tieghu kienet tkellmet ma' xi ghalliema taghha li rat lil ommha u lir-rikorrent ikunu intimi ma' xulxin. Jispjega li dak iz-zmien din it-tifla kienet torqod fl-istess kamra taghhom, pero` fuq sodda separata. Jghid li peress li huwa u s-siehba tieghu riedu kemm jista' jkun imorru ghan-normalita` huma ammettew l-akkuzi kontra taghhom u gew impoggija taht Ordni ta' Probation ghal tliet (3) snin. Jispjega li l-fatt li ma baqghax jahdem bhala gwardjan privat affettwatu finanzjarjament hazin.

**L-Ispettur Joseph Busuttil** spjega illi r-rikorrent kien gie akkuzat b'korruzzjoni ta' minorenni. Jghid li l-*fattispecie* tal-kaz kienu illi t-

tifla tas-siehba tar-rikorrent kienet torqod fl-istess kamra ma’ ommha u r-rikorrent u gieli kienet tqum bil-lejl u tinduna li ommha u r-rikorrent kienu qed ikunu intimi bejniethom. Jispjega li seta’ gie kkonsultat meta kien hemm l-applikazzjoni ghat-tigdid tal-licenzja *de quo*, pero` ma jiftakarx.

**Stephen Piscopo** spejga illi huwa Logistics Project Manager ma’ Security Services Limited u li r-rikorrent kien ilu jahdem mal-istess Kumpanija ghal madwar tmien snin. Jispjega li l-imgieba tar-rikorrent kienet wahda tajba hafna anke f’kazijiet sensittivi u huwa fdat hafna mill-Kumpanija u li f’diversi okkazjonijiet ircevew noti ta’ apprezzament ghax-xoghol li wettaq f’diversi sitwazzjonijiet.

**L-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi** xehdet illi l-licenzja tar-rikorrent ma ggedditx fl-interess pubbliku wara li l-Kummissarju ha in konsiderazzjoni s-sentenza fil-konfront tar-rikorrent. Tispjega li l-Kummissarju intimat m’ghandu l-ebda kontroll dwar fejn gwardjan privat jahdem. Tispjega li ma kinitx hi li pprocessat l-applikazzjoni tar-rikorrent pero` kienet Spettur iehor li llum m’ghadhiex fil-Korp. Tghid li, pero`, mill-*file* relattiv jirrizultalha illi l-Ispettur li dak iz-zmien hadet hsieb l-applikazzjoni kienet hadet konjizzjoni tas-sentenza kontra r-rikorrent u kienet ikkumentat ukoll lis-superjuri taghha li r-rikorrent kien ghadu taht Ordni ta’ Probation u hija kienet diretta mis-superjuri taghha biex tipprocedi bir-rifjut.

**Dorian Cornelius**, ufficjal tad-Dipartiment tal-Probation u Parole, spjega illi huwa kien ilu jsegwi lir-rikorrent minn Frar 2016. Jispjega li f’Lulju 2016 ir-rikorrent kien gie riferut ghand il-psikologu tad-dipartiment u qieghed isegwi pjan ta’ kura. Jghid li r-rikorrent qed jaghmel progress u li mieghu qieghed jahdem kif ghandu jgib ruhu mat-tifla tas-siehba tieghu, mat-tifel tieghu u mas-siehba tighu.

**Ikkunsidra:**

Illi l-ewwel aggravju tar-rikorrent huwa li d-decizjoni tal-Kummissarju intimat mhix adegwatament motivata. Fil-verita` jekk wiehed jara l-istess decizjoni, din hija xotta ghall-ahhar. Huwa minnu li l-ligi ma tirrikjedix lill-Kummissarju intimat jaghti xi dettalji partikolari meta r-rifjut jinhareg abbazi tal-interess pubbliku, pero`, kif gie ribadit diversi drabi minn dan it-Tribunal, persuna trid titpogga ghallinqas fl-gharfien baziku ghaliex l-applikazzjoni kienet qieghdha tigi rifjutata. Illi verament, ikun hemm kazijiet fejn ir-raguni tkun kemmxejn ovvja,

pero` jkun hemm kazijiet li jkun opportun li tal-inqas issir referenza ghas-sentenza li abbazi taghha inhareg ir-rifjut.

Illi fil-kaz in ezami d-decizjoni ma kienet tinkludi lanqas referenza ghas-sentenza kriminali tas-17 ta' Frar 2016. Illi fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal, dan huwa nuqqas li, pero`, in vista li l-ligi hi dik li hi ma tirrendix nulla l-istess decizjoni. **Madankollu, it-Tribunal jirribadixxi illi l-awtoritajiet pubblici ghandhom dover illi meta jaghtu decizjoni din tkun motivata sabiex min ikun qieghed jirceviha ikun jista' jifhem sew il-motivazzjoni ta' tali decizjoni. <u>It-Tribunal jispera li dan kollu ma jaqghax fuq widnejn torox.</u>**

Illi fil-mertu, il-kwistjoni ddur kollha jekk il-Kummissarju intimat uzax id-diskrezzjoni tieghu b'mod ragunat u proporzjonat. Illi l-Kummissarju intimat ibbaza r-rifjut tieghu fuq sentenza moghtija fl-2016 fuq akkuza ta' korruzzjoni ta' minorenni.

Illi t-Tribunal josserva illi meta l-Kummissarju intimat ikollu kaz bhal dak odjern huwa tabilfors irid jezercita d-diskrezzjoni tieghu dwar kif se jzomm bilanc bejn l-interess pubbliku u d-dritt li l-applikant jezercita l-professjoni ta' gwardjan privat. Illi L-awtur Ingliz **HWR Wade** fil-ktieb tieghu "**Administrative Law**" jikkumenta hekk:

*"A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is intended to do so – he must not in the exercise of his discretion do what he likes but that he ought. In other words, he must by the use of his reason ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably."*

L-istess awtur ikompli jikkummenta –

*"…virtually all administrative decisions are rational in the sense that they are given for intelligible reasons but the question then is whether they measure up to the legal standard of reasonableness … within the bounds of legal reasonableness is the area in which the deciding authority has genuinely free discretion. If it passes those bounds, it acts ultra vires.*"

Illi minhabba n-natura tas-servizzi li jistghu jigu prestati minn Gwardjan Privat[4] huwa logiku u legittimu li fl-ghoti u t-tigdid ta' tali licenzji jigi kkunsidrat l-aspett ta' l-interess pubbliku u li decizjoni moghtija fil-kamp kriminali fir-rigward ta' applikant timpingi fuq tali konsiderazzjoni u hu necessarju li jkun hemm evalwazzjoni appozita

[4] Ara d-definizzjoni ta' "servizzi ta' gwardjani privati" f'artikolu 2 tal-Kapitolu 389

jekk l-applikant hux persuna idonea *o meno* ghal tali posizzjoni mill-awtorità regolatrici koncernata, f'dan il-kaz il-Kummissarju tal-Pulizija. Illi dan it-Tribunal ma jaqbilx illi *siccome*` persuna tigi mpoggija taht Ordni ta' Probation minflok tinghata piena karcerarja allura dan ghandu jitqies daqs li kieku ma wettaq l-ebda reat.

Illi ghalhekk biex wiehed iqis id-decizjoni mehuda kinitx gusta o meno, irid jidhol fil-kwistjoni tar-ragonevolezza. Maghha necessarjament tidhol bilfors il-kwistjoni tad-diskrezzjoni li l-ligi taghti lill-awtorita` partikolari biex tasal ghad-decizjoni taghha. B'diskrezzjoni wiehed jifhem is-setgha li wiehed jaghzel bejn diversi toroq ta' azzjoni. Illi, pero`, persuna fdata b'din id-diskrezzjoni trid twettaq id-decizjoni taghha b'mod ragonevoli, b'ekwita` u haqq[5] u minghajr abbuz ta' dik l-istess diskrezzjoni.

Illi issa, mid-dokumenti esebiti, jirrizulta illi r-rikorrent xellef difrejh mal-gustizzja, anke jekk skond hu b'mod inkonsapevoli, darba biss u l-Qorti ta' Gudikatura Kriminali hasset li kellha titratta mieghu permezz ta' Ordni ta' Probation. Illi fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal il-Kummissarju intimat, fi zmien daqshekk bikri li kienet ghadha kemm bdiet issehh l-Ordni ta' Probation, kien ragjonevoli jirrifjuta t-tigdid tal-licenzja. Li kieku r-rikorrent ghadda l-perjodu ta' Probation kollu u mexa korrettement mal-ordnijiet moghtija lilu mill-ufficjal tal-Probation forsi l-argument kien ikun mod iehor. Pero`, l-fatt li l-Kummissarju intimat kien kawt ma jirrendix id-decizjoni tieghu bhala wahda irragjonevoli jew sproporzjonata. Ghalkemm ic-cirkostanzi tar-reat spjegati lit-Tribunal jistghu forsi jigu kkunsidrati ta' natura inqas serja minn certi kazi ohra ta' korruzzjoni ta' minorenni, dan ma jfissirx illi dak li gara ghandu jittiehed b'leggerezza. Dak li gara huwa hazin u jirrizulta illi l-imputat gharaf li zbalja u qieghed miexi 'l quddiem, anke bl-ghajnuna tal-professjonisti, biex hajtu terga' tkun kemm jista' jkun normali. Ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi jkun ghaqli li r-rikorrent l-ewwel jinghata l-ghajnuna professjonali kollha li hemm bzonn u jekk ikun il-kaz, jerga' jigi evalwat jekk hux idoneju li jigi fdat bil-licenzja *de quo* iktar 'il quddiem.

Ghaldaqstant it-Tribunal ihoss li fic-cirkostanzi d-decizjoni tal-Kummissarju intimat kienet wahda ragunata u proporzjonata.

[5] **Masini noe vs Podesta` noe** (Appell Civili 21.4.1961 Kollez. Vol.XLV.i.110)

**DECIDE**

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-rikorrent, u jilqa' l-eccezzjonijiet imressqa mill-Kummissarju intimat.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mir-rikorrent.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**